# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu, 2018**

**Numru 24**

**Citazzjoni numru 462/01 LSO**

**Valfracht Roro Line Limited**

**v.**

**KD Commercials Limited**

**Il-Qorti:**

Rat li permezz tac-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Marzu, 2001, inghad mis-socjetà attrici Valfracht Roro Line Limited is-segwenti:

> "Illi s-socjetà konvenuta ghandha taghti lis-socjetà attrici s-somma ta' elf, hames mija u erbgha u sittin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1,564.35) import ta' noll ghall-garr ta' merkanzija mill-Port ta' Tilbury, l-Ingilterra ghall-Port ta' Malta fuq il-vapur Moon Admiral li wasal Malta fl-14 ta' April 2000, skont il-*bill of lading* (Dok. B) u l-*Freight Invoice* (Dok. C) flimkien mal-imghax legali mill-wasla tal-vapur, liema dejn hu cert, likwidu u skadut.
>
> "Illi fil-fehma tas-socjetà attrici s-socjetà konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa

mis-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi peress li interpellata ghall-hlas, is-socjetà konvenuta baqghet inadempjenti.

"Tghid is-socjetà konvenuta, ghaliex, ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din il-Qorti: -

"1. Tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

"2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta li thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' elf, hames mija u erbgha u sittin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1,564.35) flimkien mal-imghax legali mill-14 ta' April 2000, import ta' noll ghall-garr ta' merkanzija fuq il-vapur Moon Admiral li wasal Malta fl-14 ta' April 2000 minn Tilbury, Ingilterra ghall-Malta kif fuq intqal.

"Bl-ispejjez - komprizi Lm5.57 tal-ittra legali tal-15 ta' Marzu 2001 - kontra s-socjetà konvenuta, li tibqa' ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta KD Commercials Limitedipprezentata fl-14 ta' Mejju, 2001, li permezz taghha eccepiet:

"1. Illi fl-ewwel lok is-socjetà eccepjenti qatt ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici, u kwalunkwe negozjati dejjem saru ma' Valletta Freight Services Ltd, f' isimha propju.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub ma huwiex dovut *stante* illi s-servizz res mis-socjetà attrici, kien wiehed hazin u monk, tant illi l-merkanzija waslet Malta b'hafna hsara liema hsara grat tort u htija tan-negligenza da parti tas-socjetà attrici jew agenti taghha.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, fil-fatt hija s-socjetà attrici illi ghandha thallas lis-socjetà kovenuta, d-danni sofferti minnha minhabba din il-hsara subita. Dawn id-danni jeccedu bil-bosta s-somma pretiza f'din il-kawza, u ghalhekk ghandha tezisti tpacija mal-ammont pretiz. Is-socjetà konvenuta gia intavolat kawza (Citaz 427/01 KD Commercials Ltd. vs Valletta Freight Services Ltd et) ghal likwidazzjoni ta' dawn id-danni.

"4. Illi barra minn hekk il-*freight invoice* ma hijiex iffirmata.

"5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt".

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Novembru, 2003, fl-ismijiet premessi, li permezz taghha ddecidiet dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta billi cahdet l-istess eccezzjoni bhala mhix misthoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra taghha u ordnat li s-smigh tal-kawza jitkompla bil-gbir tal-provi fil-mertu.

Dik il-Qorti tat is-sentenza preliminari taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' noll. Il-kumpannija attriċi ġarret merkanzija (vettura) mir-Renju Unit għal Malta u qegħda titlob lill-kumpannija mħarrka tħallasha d-drittijiet dovuti lilha għall-imsemmi ġarr;
>
> "Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi ċaħdet li hija qatt kellha x'taqsam mal-kumpannija attriċi. Tgħid ukoll li s-servizz mogħti mill-kumpannija attriċi kien ħażin u monk, u għalhekk ma jistħoqqilha l-ebda ħlas;
>
> "Illi din is-sentenza tittratta dwar l-ewwel eċċezzjoni;
>
> "Illi l-kumpannija mħarrka tgħid li hija qatt ma innegozjat mal-kumpannija attriċi imma ma' kumpannija oħra li jisimha Valletta Freight Services Limited. Biex issaħħaħ dan l-argument, hija ressqet dokumenti[1] li juru li l-ħlas tan-noll u l-fatturi marbutin mal-ġarr tal-vettura ntbagħtu lill-istess kumpannija mħarrka minn jew f'isem il-kumpannija Valletta Freight Services Limited u mhux mill-kumpannija attriċi. B'żieda ma' dan, huwa jisħaq li qatt ma kien jaf bil-kumpannija attriċi u li dejjem kellu x'jaqsam mal-kumpannija l-oħra kemm kien ilu jqabbad lil min iġorrlu l-merkanzija għal Malta. Saħansitra meta kienet tasal f'Malta l-merkanzija tiegħu, kienet il-kumpannija Valletta Freight Services Limited li kienet tgħaddilu d-dokument meħtieġ (id-*delivery note*) biex ikun jista' jirrilaxxa l-istess merkanzija;
>
> "Illi, min-naħa l-oħra, l-kumpannija attriċi twarrab dawn l-argumenti billi tgħid li bejnha u l-kumpannija Valletta Freight Services Limited hemm

[1] Dokti "A", "B" u "Ċ", f'paġġ. 37-9 tal-proċess

rabta ta' prinċipal u aġent. Mhux hekk biss, imma l-kumpannija mħarrka (senjatament ir-rappreżentant tagħha Anthony Borġ) ma setgħetx tinjora li l-polza ta' kariku li nħarġet għall-ġarr tal-merkanzija partikolari kienet polza maħruġa mill-kumpannija attriċi u li l-istess rappreżentant kien kemm-il darba tela' personalment ir-Renju Unit biex jara b'għajnejh il-merkanzija hi u titgħabba fuq il-bastimenti tagħha. Flaħħarnett, tgħid li l-Valletta Freight Services Limited m'għandhiex bastimenti tagħha;

"Illi l-istħarriġ ta' l-eċċezzjoni taħt eżami jeħtieġ kemm konsiderazzjonijiet dwar fatti li joħorġu mill-kawża u kif ukoll osservazzjoni ta' għamla legali;

"Illi dwar il-fatti, jirriżulta li kemm il-kumpannija attriċi u kif ukoll Valletta Freight Services Limited huma kumpanniji reġistrati f'Malta u għandhom it-tnejn l-istess sede. Tal-ewwel tfisser lilha nnifisha bħala "*liner operators, carriers, charterers & ship brokers*", filwaqt li tat-tieni turi lilha nnifisha bħala "*shipbrokers, shipping & insurance agents, international freight contractors*". Jidher li l-istess persuni huma l-uffiċjali taż-żewġ kumpanniji[2]. Naturalment, iż-żewġ kumpanniji għandhom personalita' ġuridika separata u distinta. Jirriżulta wkoll[3] li l-kumpannija mħarrka, fil-persuna ta' Anthony Borġ, kienet ilha tinqeda bis-servizzi ta' din l-organiżżazzjoni għall-ġarr ta' merkanzija għal ċertu tul ta' żmien. It-talbiet għal ħlas ta' nollijiet kienet issir lill-kumpannija mħarrka mill-kumpannija Valletta Freight Services Limited. Anthony Borġ jiddikjara li kien għal ċertu għadd ta' snin imur jinnegozja fl-uffiċċini fil-Marsa tal-kumpannija Valletta Freight Services u mar-rappreżentanti tagħha, u li qatt ma ssemmiet miegħu l-kumpannija attriċi[4]. Lanqas qatt innegozja magħha;

"Illi irriżulta wkoll li l-fatturi għall-ħlas tan-noll mertu ta' din il-kawża nħarġu mill-kumpannija Valletta Freight Services Limited, bħalma wkoll f'isem dik il-kumpannija ntbagħtet l-ittra interpellatorja tal-15 ta' Marzu, 2001. Fl-ebda wieħed mill-imsemmija dokumenti ma huwa indikat li Valletta Freight Services kienet taġixxi bħala aġent tal-kumpannija attriċi[5]. Anthony Borġ kien jinnegozja u jżomm kuntatti ma' Victor Vella[6] li fisser il-kariga tiegħu bħala "*commercial director*" tal-kumpannija attriċi[7]. F'xi każijiet Anthony Borġ ġieli laqa' għandu l-polza ta' kariku li bis-saħħa tagħha kienet tinġarr il-merkanzija li kienet iġġib f'Malta l-kumpannija mħarrka[8];

"Illi mill-ġabra ta' dawn il-fatti, u wara li qieset sewwa l-verżjonijiet taż-żewġ naħat, il-Qorti tasal biex tgħid li dawn ma jeskludux għal kollox li r-rappreżentant tal-kumpannija mħarrka ma kienx konsapevoli kemm

[2] Xhieda ta' David Jones 12.3.2003, f'paġ. 80-1 tal-proċess
[3] Ara xhieda ta' Mario Tellus 28.5.2001, f'paġ. 26 tal-proċess
[4] Affidavit ta' Anthony Borġ, f'paġ. 35 tal-proċess
[5] Ara xhieda ta' Victor Vella 4.3.2002, f'paġ. 57 tal-proċess
[6] Xhieda tiegħu 4.3.2002, f'paġ. 62 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Victor Vella, 4.3.2002, f'paġ. 41 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Anthony Borġ, f'paġ. 66 tal-proċess

bl-eżistenza tal-kumpannija attriċi u kif ukoll bis-sehem jew interess tagħha fil-ġarr tal-merkanzija tal-kumpannija tiegħu. Huwa minnu li l-arranġament intern bejn iż-żewġ kumpanniji huwa xi ħaġa li t-terza persuna mhux neċessarjament tiġi mgħarrfa biha. Iżda sewwasew minħabba r-rabta ta' tul ta' żmien li l-kumpannija mħarrka kienet żammet fl-arranġamenti li kienu jsiru biex tinġarr il-merkanzija tagħha mal-linja merkantili mmexxija mill-kumpannija attriċi, il-Qorti ssibha iebsa biex taċċetta li l-kumpannija mħarrka ma kienet taf qatt li kienet daħlet f'rabta kuntrattwali mal-kumpannija attriċi. Il-frażi "*Prattikament jien inħalli kollox f'idejhom*" magħmula minn Borġ fl-affidavit tiegħu tagħti 'l wieħed x'jifhem li sakemm l-affarijiet imxew mingħajr intoppi, lanqas kien jinteressah min kien tassew il-kontroparti tal-kuntrattazzjonijiet li kienu saru;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li biex tirnexxi l-eċċezzjoni, huwa meħtieġ jintwera b'mod ċar u mhux biss fuq bażi ta' konġettura li l-persuna li kienet tinnegozja ma' Anthony Borġ (jekk dejjem kienet l-istess persuna) kienet qegħda tinnegozja mhux f'isem il-kumpannija attriċi. Il-kumpannija mħarrka tgħid li kien ma' kumpannija oħra u mhux mal-kumpannija attriċi li kienet tinnegozja. Imma ntwera li l-persuna li magħha Anthony Borġ kien l-iżjed jinnegozja (Victor Vella) kien uffiċjal (ukoll ?) tal-kumpannija attriċi stess. Minħabba f'hekk, il-Qorti ma tistax tasal għall-fehma univoka li l-kumpannija attriċi, ukoll fil-għarfien tal-istess Borġ, ma kinitx il-kumpannija li magħha jew f'isimha kienu jsiru n-negozjati bejn il-partijiet;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali mnissla mir-rabta ġuridika, jibda biex jingħad li n-noll huwa bil-liġi meqjus bħala l-korrispettiv għat-trasport ta' merkanzija li huwa dovut lill-armatur jew lin-noleġġant tal-bastiment li jkun, u l-jedd ta' azzjoni għall-ġbir jew għall-ħlas tal-istess noll jispetta lill-istess armatur jew noleġġant[9]. F'din il-kawża ntwera li l-kumpannija attriċi (permezz tal-aġent tagħha Jaymar Freight Services limited tar-Renju Unit) jirriżulta[10] li kienet l-armatriċi tal-bastiment li fuqu tgħabbiet il-vettura miġjuba Malta mill-kumpannija mħarrka. Kif ingħad fil-bidu wkoll, l-azzjoni hija waħda għall-ħlas ta' noll;

"Illi l-interess tal-kumpannija attriċi li tressaq hi u f'isimha l-azzjoni tal-għamla preżenti huwa element li jfixkel is-suċċess tal-eċċezzjoni taħt eżami. Kienet tkun ħaġa għal kollox differenti għall-eżitu tal-eċċezzjoni kieku l-kumpannija attriċi ma kellhiex l-interess ġuridiku li tmexxi l-azzjoni li bdiet, fis-sens li tkun qegħda tfittex lill-kumpannija mħarrka fuq pretensjoni li kienet persuna oħra titolari għaliha. F'dak il-każ, kien ikun tassew mistħoqq għall-kumpannija mħarrka li tgħid li m'għandhiex rabta ġuridika mal-kumpannija attriċi[11]. Imma f'dan il-

---

[9] Ara, per eżempju, P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet *Alexis Vella et noe vs David Jones et noe*

[10] Ara Dok "B", f'paġ. 15 tal-proċess

[11] Ara, per eżempju, Kumm. JDC 10.10.1990 fil-kawża fl-ismijiet *Ray Micallef noe et vs Mark Anastasi noe et* (mhix pubblikata) u Kumm. JDC 14.10.1991 fil-kawża fl-ismijiet *Dr Gino*

> każ, l-eċċezzjoni taħt eżami qegħda tinbena fuq parametri oħrajn, jiġifieri li l-kunpannija mħarrka qatt ma ikkuntrattat mal-kumpannija attriċi u mhux li l-kumpannija attriċi m'għandhiex il-*locus standi* li tressaq l-azzjoni;
>
> "Illi, fit-tielet lok, kif sewwa issottomettiet l-abbli difensur tal-kumpannija attriċi, ir-rabta ġuridika li tnissel il-jedd għall-ħlas tan-noll tinsab fil-polza ta' kariku. Dik il-polza (li l-kumpannija mħarrka tgħid - u jista' jkun minnu - li qatt ma ngħatat f'idejha) hija s-sies legali u kuntrattwali li bis-saħħa tiegħu seħħ il-ġarr lejn Malta tal-vettura importata mill-kumpannija mħarrka. Dan huwa fatt li jirriżulta, huwa fatt li l-kumpannija mħarrka ma ikkontestatx, u huwa fatt fondamentali li din il-Qorti ma tistax twarrab bla raġuni tajba;
>
> "Illi, fl-aħħarnett, jekk wieħed kellu jaċċetta wkoll (u għandu jingħad li ma saret l-ebda kontestazzjoni rilevanti min-naħa tal-kumpannija mħarrka dwar dan) li l-kumpannija Valletta Freight Services Limited hija aġenta f'Malta tal-kumpannija attriċi, kien ikun ta' xkiel għaliha li li tiftaħ din il-kawża f'dik il-vesti mingħajr ma tkun qegħda tmur kontra dak li trid il-liġi fl-artikolu 1866 tal-Kodiċi Ċivili, ladarba l-kumpannija attriċi tinsab f'Malta;
>
> "Għalhekk, magħdudin il-kostatazzjonijiet fattwali ma' dawk ta' bixra legali, il-Qorti tasal għall-fehma li l-kumpannija mħarrka ma waslitx biex turi li l-eċċezzjoni mqanqla minnha għandha mis-sewwa".

Rat is-sentenza finali tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' April, 2013, fl-ismijiet premessi, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta, laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lis-socjetà konvenuta sabiex thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €3,643.95 import ta' noll ghall-garr ta' merkanzija kif spjegat fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' April 2000. Is-socjetà konvenuta giet ikkundannata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza b'dan illi gie rizervat favur taghha d-dritt li tirreklama kontra s-socjetà attrici rifuzjoni ghad-danni subiti fil-merkanzija mertu ta' din il-kawza.

---

*Camilleri noe vs Albert Mizzi et noe et* (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi msemmijin fihom

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi permezz tal-azzjoni odjerna, is-socjetà attrici qed titlob il-hlas ta' noll ghall-garr ta' merkanzija mir-Renju Unit sa' Malta. Is-socjetà konvenuta issollevat eccezzjoni preliminari billi cahdet li qatt kellha relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Din il-Qorti, kif diversament presjeduta, iddisponiet minn din l-eccezzjoni b'sentenza in *parte* tas-6 ta' Novembru 2003 billi cahdet l-istess u ordnat il-kontinwazzjoni tas-smigh tal-provi.
>
> "Is-socjetà konvenuta, fil-mertu, eccepiet fis-sustanza li l-ammont pretiz mhuwiex dovut peress li s-servizz rez mis-socjetà attrici kien wiehed hazin u monk stante li l-merkanzija sofriet hafna hsara, htija u negligenza da parti tas-socjetà attrici jew tal-agenti taghha. Issollevat ukoll eccezzjoni ta' tpacija li skont is-socjetà konvenuta, kellha issehh bejn l-ammont pretiz ghan-noll u d-danni sofferti.
>
> "Fil-fatt is-socjetà konvenuta istitwiet proceduri separati fl-ismijiet **KD Commercials Ltd. -v- Valletta Freight Services Ltd. (Cit. 427/01)** ghal-likwidazzjoni tad-danni subiti. Dawn il-proceduri kienu qed jinstemghu minn din il-Qorti diversament presjeduta.
>
> "Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Is-socjetà attrici ossia l-vettural, garret merkanzija mill-Port ta' Tilbury l-Ingilterra ghall-Port ta' Malta fuq il-vapur *Moon Admiral* li wasal f'Malta fl-14 ta' April 2000. Is-socjetà konvenuta kienet ir-*ricevitur/consigneee* tal-merkanzija skont kif jirrizulta mill-polza ta' kariku **(DOK B)**[12]**.** Skont il-*freight invoice* **(DOK C)**[13] l-ammont dovut ghan-noll hu ta' Lm1,564.35, kif pretiz mis-socjetà attrici, u permezz tad-**DOK D**[14] inhareg id-debitu *delivery order* a favur tas-socjetà konvenuta biex tkun tista' tirtira l-merkanzija li kienet waslet f'Malta mix-Xatt ta' Malta.
>
> "**APPREZZAMENT TAL-PROVI**
>
> "Mill-ezami tal-provi prodotti jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li l-merkanzija waslet Malta kif pattwit fil-polza ta' kariku u b'hekk adempixxa l-obbligazzjoni tieghu li jiskarika l-merkanzija (*discharge*) u, permezz tad-*delivery note*, adempixxa wkoll l-obbligazzjoni tieghu li jikkonsenja l-merkanzija lir-ricevitur, titular tal-polza. Jirrizulta pacifiku wkoll li n-noll fl-ammont mitlub fic-citazzjoni, u li anke hemm qbil dwar dan l-ammont, ma thallasx u ghadu dovut salv ghall-eccezzjonijiet sollevati fuq il-mertu.

[12] Esibit a fol. 15 tal-process.
[13] Esibit a fol. 16 tal-process.
[14] Esibit a fol. 17 tal-process.

"Xehed **Mario Tellus**[15] prodott mis-socjetà attrici, li spjega li meta l-merkanzija tasal f'Malta, ir-ricevitur ikun jista' jirtiraha mix-Xatt wara li jinghata *delivery order*. Dan id-*delivery order* jinghata kontra l-prezentazzjoni ta' kopja originali tal-polza ta' kariku u tal-hlas tan-noll. B'hekk in-noll jithallas qabel ma tigi irtirata fizikament il-merkanzija. Madanakollu fil-kaz odjern, peress li s-socjetà konvenuta kienet ilha tuza s-servizzi tas-socjetà attrici u l-agent taghha f'Malta, kellhom l-uzanza li minnflok il-hlas, ihalli cekk miftuh u skont l-ammont ta' noll illi jkun dovut, is-socjetà attrici tramite ir-rappresentanti jew impjegati taghha, jimlew l-import tac-cekk[16].

"**Anthony Borg**, in rapprezentanza tas-socjetà konvenuta, in **kontro ezami** wkoll ikkonferma li biex jiehu x-xoghol mid-Dwana l-importanti hija *d-delivery note* li "*jien irrid inhallas cekk kontriha*."[17] Dwar il-mertu[18] hu kkonferma li c-cekk li kien halla *blank* fir-rigward tal-vjagg imsemmi fic-citazzjoni ghadu ma ssarrafx. Qatt ma ghamel *stop payment* tac-cekk. Xehed ukoll li meta hareg ic-cekk, kien jaf biss minnghand Victor Vella, Direttur tas-socjetà attrici, li trakk partikolari li kien parti mill-merkanzija li ngarret fil-vjagg mertu ta' din il-kawza kellu hsara fil-*windscreen* izda effettivament irrizulta li l-hsarat kienu estensivi. Ix-xhud spjega li l-hsarat li avveraw kienu fil-kabina li, peress li kienet tal-fibre glass allura kellha tinbidel b'kollox. Skont dak rilevat *tramite* d-difensur tieghu fin-nota ta' sottomissjonijiet[19], il-hsarat kienu jammontaw ghall-aktar minn tlett elef liri Maltin (Lm3,000).

"Il-konvenut ilmenta li ma kellux l-opportunita' li jressaq il-provi fuq il-mertu. Effettivament talba li ressaq b'rikors appozitu giet michuda minn din il-Qorti kif diversament presjeduta moghtija fit-28 ta' Ottubru 2004 a fol.112 tal-process u fid-29 ta' April 2005 a fol.131 tal-process rispettivament.

"**Ikkonsidrat** li s-socjetà konvenuta *tramite* d-difensur taghha kienet iddikjarat li ma fadallhiex iktar provi fuq il-mertu ta' din il-kawza[20], dikjarazzjoni li ittentat tirtira b'zewg rikorsi li ghalihom jirreferu d-digrieti surriferiti.

"**Ikkonsidrat** li l-provi li xtaqet tressaq, skont kif jirrizulta min-nota ta' sottomissjonijiet imsemmija jindirizzaw il-hsarat allegatament subiti fil-merkanzija waqt il-vjagg - hsarat li huma l-mertu ta' kawza ghal kollox distinta u separata minn dik odjerna u li lanqas kienet qed tinstema' kontestwalment (qatt ma saret talba *ad hoc* f'dan is-sens).

"Kif spjegat is-socjetà konvenuta fin-nota taghha "*Il-hsara grat meta vettura li kienet qed titghabba fuq l-istess vapur fil-port ta' Tilbury,*

[15] Xhieda esibita a fol. 19 et.seq. tal-process.
[16] Xhieda esibita a fol.100 tal-process in kontro-ezami.
[17] Xhieda esibita a fol. 66 tal-process.
[18] Xhieda esibita a fol. 103 et seq. tal-process.
[19] Esibit a fol. 133 tal-process.
[20] Verbal a fol. 98 tal-process.

*f'Londra, taht ir-responsabbilta' tas-socjetà attrici baqghet diehla fuq in-naha ta' wara tal-vettura (merkanzija) tas-socjeta' konvenuta, bil-konsegwenza illi l-gabina ta' din l-ahhar vettura tghaffget mal-merkanzija li kien hemm quddiemha u spiccat imkissra bicciet.*"

“Is-socjeta' konvenuta ghalhekk issostni li galadarba l-hsara saret b'tort u negligenza tal-vettural kif rapprezentat mis-socjetà attrici, m'ghandha qatt tkun tenuta thallas dan l-ammont ta' noll reklamat.

“In sostenn tat-tezi taghha s-socjetà konvenuta iccitat diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin li jinkombu fuq il-vettural ir-responsabbilta` ghall-hsarat li javveraw fil-merkanzija fl-istadju tal-istivagg taghha u/jew waqt il-merkanzija tkun fil-kontroll tal-kaptan tal-vapur.

“Fl-ahhar nett is-socjeta' konvenuta tqis li din il-Qorti ghandha tistenna l-ezitu tal-kawza li istitwiet kontra l-vettural ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta` u eventwali likwidazzjoni tad-danni subiti, peress li f'kaz li t-talbiet taghha jigu milqugha, "*ikun kontro-sens li s-socjeta' konvenuta f'din il-kawza tigi kkundannata thallas in-noll tal-istess vjagg.*"

“Da parti taghha s-socjeta' attrici ssostni li n-noll huwa dejjem dovut. In-noll jithallas qabel mar-ricevitur ikun jista' jigbor il-merkanzija. *Semmai*, jekk jirrizultaw il-hsarat, dan jigi rizolt f'kawza separata jew fi trattativi separati.

“**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

“Kif irrilevat gja, il-mertu ta' din il-kawza hija strettament talba ghall-hlas ta' noll dovut fuq vjagg ta' merkanzija, debitament skarikata u kkonsenjata lir-ricevitur. Huwa minnu li s-socjetà konvenuta tinsisti li sofriet hsarat fil-merkanzija, tort tal-vettural, u li allura ma tista’ tkun tenuta ghall-ebda hlas, li, *semmai*, ghandha tigi pacuta mal-valur tad-danni subiti.

“Illi izda, din il-Qorti ghandha biss dawk il-provi li jirrizultawlha mill-atti processwali (*quod non est in actis non est in mundo*) u kull ma jirrizultalha, ghalhekk, hija riferenza ghall-kawza separata istitwita mis-socjetà konvenuta ghad-danni kontra s-socjetà attrici. Huwa minnu li mix-xhieda ta' Anthony Borg, kif ukoll minn dak iddikjarat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu hemm riferenza ghal "*hsarat estensivi*" u anke riferenza ghall-valur tad-danni subiti, izda l-ewwel xhieda nghatat waqt li kienet qed tigi ttrattata l-ewwel eccezzjoni procedurali u ghandha tigi kkonsidrata fil-kuntest li nghatat, filwaqt li t-tieni hija semplici dikjarazzjoni *ex parte* u minghajr valur probatorju *ut sic*.

“Fil-fatt il-kwistjoni ta' danni qatt ma giet indirizzata fl-istadju probatorju f'din il-kawza. Din il-Qorti ghalhekk ma tista’ taghti ebda piz lid-dikjarazzjonijiet imsemmija peress li b'hekk tkun qed tohloq ingustizzja

procedurali a skapitu tas-socjeta' attrici, li ma kellhiex l-opportunita' li tressaq provi biex tikkontesta dawn l-allegazzjonijiet.

"Dan kollu premess, kif ser jigi spjegat, it-tezi vantata mis-socjeta' konvenuta li tippermetti li ricevitur ikun jista' jirrifjuta l-hlas tan-noll meta javveraw hsarat fil-merkanzija mhix sostenibbli legalment. Isegwi ghalhekk li l-lanzjanza mressqa minnha dwar il-konnessjoni bejn din il-kawza u l-kawza l-ohra ghad-danni, u anke l-eccezzjonijiet sollevati fuq il-mertu, mhumiex attendibbli.

"L-artikolu **310 tal-Kodici tal-Kummerc** (Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid hekk:

> " *F'ebda każ in-noleġġatur jew il-karigatur ma jista' jitlob it-tnaqqis tan-noll*."

"Filwaqt li l-artikolu **311** tal-istess Kap. 13 jghid:

> "*Il-karigatur ma jistax jabbanduna għall-ħlas tan-noll il-merkanzija li tkun naqset fil-prezz jew li tkun tħassret b'difett tagħha nfisha jew b'aċċident. Iżda, jekk btieti ta' nbid, żejt, għasel, jew likwidi oħra jkunu hekk nixxew li jsiru vojta jew kważi, dawn il-btieti jistgħu jiġu abbandunati għan-noll*."

"Ukoll l-artikolu **306** tal-istess Kap.13 jghid:

> *"Jekk il-kaptan iħott il-merkanzija mingħajr ma jieħu l-ħlas tan-noll, tal-avarija, jew ta' spejjeż oħra, jew mingħajr ma jieħu dawk il-prekawzjonijiet li għalihom ikollu jedd skont il-liġijiet tal-lok tal-ħatt, jitlef il-jedd tiegħu kontra n-noleġġatur jew il-karigatur, jekk dak in-noleġġatur jew karigatur jipprova li hu ħallas l-ammont tan-noll, tal-avarija u tal-ispejjeż lill-persuna li rċeviet il-merkanzija, jew li ma jistax, billi dik il-persuna tkun falliet, jieħu lura dak l-ammont."*

"Dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi taghna jaghtu espressjoni lill-principju fondamentali li l-hlas tan-noll hu dovut malli l-vettural jikkonsenja l-merkanzija fid-destinazzjoni pattwita. F'ebda cirkostanza huwa permess lin-nolleggjatur li jitlob it-tnaqqis tan-noll ghaliex id-dritt ghall-hlas tan-noll mhuwiex marbut mal-kundizzjoni tal-merkanzija imma mal-fatt tal-konsenja fid-destinazzjoni pattwita. Huwa pacifiku anke fid-dottrina li gjaldarba jeffettwa l-iskarika u l-konsenja (*discharge and delivery*) tal-merkanzija, il-vettural jitqies li adempixxa l-obbligazzjonijiet tieghu lejn ir-ricevitur, <u>independentement mill-istat u mill-kondizzjoni li javveraw fil-merkanzija fil-mument tal-konsenja</u>. Id-dritt ghall-hlas tan-noll huwa ghalhekk dritt sancit lill-vettural liema dritt ma jimpedixxix lill-konsenjatur jew ricevitur milli jagixxi separatament b'kawza ghad-danni kontrih.

"**Il-Professur F. Cremona**, fin-noti tieghu riveduti mill-**Avukat** u sussegwentement Imhallef **George Schembri**,[21] jispjega li kien hemm

[21] Notes on Maltese Maritime Law, UM (1974)

xi awturi Francizi li sostnew li "*the debt for freight was to be proportionate to the state or condition of the goods on the date of arrival at the place of destination, and that in the case of the deterioration of the goods, the freighter had the right to abandon for the freight the goods so deteriorated*." Skont dawn l-awturi Maltin, izda, din it-tezi ma gietx accettata fil-Ligi Franciza u lanqas fil-Ligi taghna (*vide art. 311 fuq citata*). Imbaghad jkomplu li "*Undoubtedly if the goods have decreased in value or deteriorated as a consequence of the wrongful act or default of a person, the latter would be liable in damages in accordance with the general principles of law.*" *A contrario sensu*, jekk il-hsarat huma kkagunati minn kaz fortuitu, allura l-principju "*res perit domino*" japplika u r-ricevitur ma jkollu ebda dritt ghall-kumpens mill-vettural salv il-kaz ikkontemplat fl-artikolu 311 tal-Kap.13 fuq citat peress li fic-cirkostanzi previsti mill-legislatur, il-merkanzija titqies li ntilfet.

“Din hija wkoll il-pozizzjoni meqjusa fil-Qrati Inglizi. Skont l-awtur Jasper Ridley[22] "*If the carrier delivers the goods to the consignee, he may claim to be paid the freight in full even if the goods are damaged and the owner of the goods must have recourse to an action for damages in respect of the damage to the goods.*"[23] L-uniku eccezzjoni ammess hu jekk il-merkanzija titlef il-karatteristici essenzjali taghha. Kif jghid dan l-awtur, "*if the goods are not delivered 'in specie' to the consignee, no freight is payable*.[24]" B'hekk il-Qorti ghandha tezamina jekk "*from the terms of the contract construed by mercantile usage, if any, what was the thing for the carriage of which freight was to be paid, and determine whether that thing, or any and how much of it, has substantially arrived*[25]." Ghalhekk gie ritenut, per ezempju, li "*if the goods are no longer in a merchantable state, they are deemed not to have been delivered in specie and no freight is payable. Where part of the goods are delivered in specie, freight is payable on these goods*."[26] Fil-kaz **Asfar & Co. vs Blundell**[27] gie spjegat li t-test applikat kien "*whether as a matter of business, the nature of the thing has been altered. The nature of a thing is not necessarily altered because the thing itself has been damaged...if so the question for determination is whether the...original article of commerce has become a total loss*." U kif gie osservat fil-kaz **Dakin vs Oxley**, fuq citat " *There would be apparent justice in allowing damage...to be set-off or deducted in an action for freight...But our law does not allow deduction in that form, and as at present administration, for the sake, perhaps of speedy settlement of freight and other liquidated demands, it affords the injured party a remedy by cross action only*."

“L-istess ragunament insibu mill-awturi Chorley & Giles[28] li jiccitaw lill-awtur Scrutton[29], u jsostnu li "*not all failures of performance on the*

---

[22] “The Law of the Carriage of Goods by Land, Sea & Air "(Vth Ed.) pp.118
[23] Dakin -v- Oxley (1864) 15.C.B. (N.S.)646
[24] Duthie -v -Hilton(1868) L.R. 4.C.P.138.
[25] Dakin -v- Oxley op.cit.
[26] Duthie v Hilton op.cit.
[27] (1896) 1.Q.B.123.
[28] "Shipping Law" (1970 ed.) pg.223.

> *part of the carrier result in a loss of freight. Where the carrier is ready to deliver at the port of destination, but the goods are in a damaged condition, though in substance still the same merchandise, freight becomes payable in full* (sottolinear tal-Qorti) *though the consignee may have an action in damages. These, however, he must claim separately, and may not deduct from the freight*." U, jkomplu *"The procedure usually followed is for the ship owner to bring proceedings for freight; the goods owner in his defence and counterclaim admits liability for the freight subject to his counterclaim for damages*." Imbaghad jghidu li "*Scrutton suggests that if the consignees actually take delivery, they ought to pay the freight, a proposition which seems difficult to refute*."
>
> "Illi ghalhekk jirrizulta li l-principji legali li jirregolaw il-kuntratt ta' garr ta' merkanzija u, senjatament id-dritt tal-vettural ghall-hlas tan-noll, essenzjalment jirrikonoxxu dan id-dritt tieghu galadarba l-merkanzija tasal fid-destinazzjoni. Xejn ma jiswa jekk il-merkanzija ggarrbet hsarat, anke jekk dawn gew ikkagunati min-nuqqas attribwibbli lill-vettural, purke' ma tinbidilx in-natura, jew *specie*, taghha, f'liema kaz il-merkanzija titqies li ntilfet.
>
> "L-awturi huma wkoll konkordi li t-talba ghad-danni ghandha ssir permezz ta' azzjoni separata jew kontrotalba u mhuwiex ammissibbli li tigi sollevata permezz ta' eccezzjoni anke ghat-tpacija.
>
> "**Ikkonsidrat** li s-socjeta' konvenuta ma ressqitx kontrotalba fil-kawza odjerna izda pprocediet f'istanza separata ghal-likwidazzjoni tad-danni. Anke jekk jirrizulta li s-socjeta' attrici hija responsabbli ghall-hsarat li jistghu jigu misjuba f'dik l-istanza, il-Qorti hija tal-fehma li d-dritt tal-*Valfracht Roro Line Ltd*. ghall-hlas tan-noll jibqa' dovut. Fl-ewwel lok, is-socjeta' attrici wettqet l-obbligazzjoni taghha li tikkonsenja l-merkanzija skont kif jirrizulta mill-polza ta' kariku (**DOK B**) li jirraprezenta l-kuntratt bejn il-partijiet, u, fit-tieni lok, ma hemm ebda prova li jista' iwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-merkanzija bidlet l-ispecje taghha minnkejja l-hsarat subiti. *Ammettendo* li kien hemm hsarat fil-kabina tat-trakk, mertu tal-kawza l-ohra, xorta t-trakk baqa' dak li kien u ma tilifx il-karatteristici jew generu tieghu ta' trakk. Jibqa' dejjem impregudikat id-dritt tas-socjetà konvenuta li tottjeni kontra s-socjetà attrici l-hlas tad-danni subiti f'kaz ta' kundanna mill-Qorti kompetenti".

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà konvenuta appellanti KD Commercials Limited, li permezz tieghu nterponiet appell mis-sentenzi u digrieti hawn elenkati u talbet:

---

[29] "Charterparties and Bills of Lading" (17th.ed.)(1964) p. 341

(1) li tigi annullata s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April, 2013, fl-ismijiet premessi peress li nghatat bi ksur ta' dritt ghal smiegh xieraq u spedituz u tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex jinstema l-mertu mill-gdid;

(2) fin-nuqqas thassar u tirrevoka s-sentenza preliminari moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fis-6 ta' Novembru, 2013 (sic), u konsegwentement takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-kumpanija konvenuta;

(3) fin-nuqqas u subordinatament thassar u tirrevoka d-digrieti moghtija mill-ewwel Qorti fit-28 t'Ottubru, 2004 u dak tad-29 ta' April, 2005, u konsegwentement tiddikjara li s-socjetà konvenuta ghandha tinghata opportunità li tressaq il-provi taghha u ghalhekk tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex jitressqu dawn il-provi skont il-ligi;

(4) fin-nuqqas u subordinatament thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta u tirrespingi t-talbiet attrici;

(5) fin-nuqqas u subordinatament, tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li s-socjetà konvenuta m'ghandhiex tkun tenuta li thallas l-imghaxijiet ghal dak iz-zmien li l-kawza hadet kemm damet quddiem l-ewwel Qorti sabiex tigi deciza.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjetà attrici appellata li permezz taghha talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bhala ekwa u gusta u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta appellanti sabiex thallasha s-somma ta' €3,643.95, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-istess socjetà konvenuta appellanti.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Lulju, 2017, li permezz tieghu din il-Qorti cahdet it-talba maghmula mis-socjetà KD Commercials Limited ghar-rikuza tal-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi.

Rat li l-abbli difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar, 2018, li baqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

Illi l-azzjoni attrici titratta hlas ta' noll ghall-garr ta' merkanzija minn Tilbury, fir-Renju Unit, ghal Malta. Filwaqt li s-socjetà attrici qeghda tippretendi hlas ghall-garr tal-merkanzija, is-socjetà konvenuta appellanti ressqet diversi eccezzjonijiet, fosthom li m'ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u li fi kwalunkwè kaz is-servizz

moghti mis-socjetà attrici kien hazin u monk, peress li l-merkanzija soffriet hsara estensiva li grat tort u htija tan-negligenza da parti tas-socjetà attrici jew tal-agenti taghha u ghalhekk m'ghandha thallas xejn.

Permezz tas-sentenza preliminari taghha tas-6 ta' Novembru, 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta bhala mhix misthoqqa, filwaqt li permezz tas-sentenza finali tat-30 ta' April, 2013, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet taghha fil-mertu, laqghet it-talbiet attrici u kkundannat is-socjetà konvenuta thallas €3,643.95, import ta' noll ghall-garr ta' merkanzija, bl-imghax legali mill-14 ta' April, 2000.

Is-socjetà konvenuta appellanti hassitha aggravata bl-imsemmija sentenzi, kif ukoll b'zewg digrieti partikolari, u dan ghal diversi ragunijiet.

L-ewwel aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti huwa fis-sens li tilmenta li ma kellhiex smigh xieraq fi zmien ragonevoli, meta kawza relattivament semplici baqghet differita ghas-sentenza ghal tmien snin minghajr raguni valida, u nghatat minn gudikant differenti minn dak li sema' l-provi. Dan kollu meta ghalkemm l-ewwel Qorti kienet rigida mas-socjetà konvenuta, tant li minkejja li ressqet zewg rikorsi fejn talbet li tressaq il-provi, wara li erronjament iddikjarat li ma kienx fadlilha aktar provi (mentri tghid li fil-fatt lanqas kienet ressqet prova wahda), l-ewwel Qorti cahditilha t-talba taghha sabiex ghall-inqas tinghata differiment

wiehed sabiex tressaq dawk il-provi li jidrilha xieraq. Tilmenta li filwaqt li l-ewwel Qorti kienet daqstant rigida maghha, ma applikatx l-istess kejl maghha nnifisha sabiex inghatat is-sentenza finali. Dan id-dewmien wassal sabiex is-socjetà konvenuta appellanti ssofri danni pekunarji, meta giet ikkundannata thallas l-imghax b'rata kummercjali sad-data tal-hlas effettiv, meta hija ma kienitx tahti ghal dan it-telf ta' zmien. Dan kollu bi ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta), liema vjolazzjoni ghandha twassal ghan-nullità tal-proceduri u li l-kawza ghandha tinstema' mill-gdid.

Ghandu jinghad mal-ewwel li, sa fejn dan l-aggravju jitratta d-dewmien fl-ghoti tas-sentenza u jirreferi ghall-vjolazzjoni ta' drittijiet ai termini tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tikkumenta fir-rigward f'dawn il-proceduri, billi jkun jispetta lil Qorti ohra li talvolta tezamina l-kwistjoni u tiddeciedi jekk dan l-ilment huwiex gustifikat. Il-punti kostituzzjonali dwar ksur allegat ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem ghandhom jithallew fil-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali jew tal-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), in vista tal-fatt li ma saret ebda talba mill-appellanti sabiex issir referenza ta' xi kwistjoni kostituzzjonali u dan apparti l-inkoerenza li tilmenta dwar dewmien biex imbaghad tinsisti li ghandu jkun hemm aktar dewmien billi tippretendi li l-kawza ghandha tinstema' mill-gdid.

Ghandu jigi enfasizzat il-principju li kull qorti jew tribunal ghandu dejjem jirrispetta r-regola fondamentali ta' gustizzja naturali *audi alteram partem* b'mod li jkun assikurat li kull parti tinghata l-possibilità li tesponi l-pretensjonijiet jew eccezzjonijiet rispettivi taghha u li tipproduci l-provi ghas-sostenn taghhom. Kull parti ghandha tinghata l-opportunità shiha li tipprezenta u tiddefendi l-kaz taghha, altrimenti tista' tirrizulta vjolazzjoni tar-regola. Madankollu, ta' min ifakkar ukoll illi fejn il-partijiet jonqsu milli jaghmlu uzu minn din l-istess opportunità, ma jistghux imbaghad jilmentaw minn ksur ta' dan il-principju. Kif sewwa ritenut, meta jkun l-istess partijiet li jonqsu:

> "*ma jkunux jistghu jilmentaw li ma jkunux inghataw smigh xieraq skond il-Konvenzjoni u skond il-Kostituzzjoni izda setghu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raguni, l-opportunita taghhom skond ir-regoli procedurali li jiggvernaw il-process*": ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta' Dicembru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Grech v. L-Avukat Generali**.

Dan, ghaliex huwa ormai pacifiku li jekk parti tonqos milli tiddibatti xi punt partikolari skont il-mezzi ta' difiza fil-poter dispozittiv taghha, ma tistax legittimament tilmenta minn lezjoni tal-principju bil-motiv ta' xi mankata koncessjoni ta' difiza.

Sa fejn l-istess aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti jitratta bidla fil-gudikant fil-mori tal-kawza bil-konsegwenza li l-gudikant li tat is-sentenza kienet differenti minn dak li sema' l-provi, ghandu jinghad li

ghalkemm il-kawza kienet ilha differita ghal bosta snin ghas-sentenza, wara li l-kawza giet assenjata lil gudikant differenti permezz tas-surroga tas-16 ta' Jannar, 2013, kien hemm seduta li saret fil-31 ta' Jannar, 2013, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April, 2013, meta effettivament inghatat. Apparti li hadd mill-partijiet ma jirrizulta li deher f'dik is-seduta jew li wera xi oggezzoni li l-kawza tigi deciza mill-Imhallef li giet hekk assenjata li tiddeciedi l-kaz, din il-Qorti ma tqisx li l-bidla fil-gudikant seta' kien ta' xi pregudizzju ghas-socjetà konvenuta appellanti. Dan jinghad peress li filwaqt li t-trattazzjoni tad-difensur tas-socjetà attrici giet registrata u traskritta kif jirrizulta in att, id-difensur tas-socjetà konvenuta appellanti nghata l-opportunità li jressaq is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub, u wara li gie estiz it-terminu lilu koncess ulterjorment, effettivament tressqet in-nota tal-osservazzjonijiet tieghu li wkoll tinsab fl-atti.

Kwindi t-trattazzjoni legali tal-kawza tal-partijiet kienet a dispozizzjoni tal-Imhallef li ddecidiet il-kawza. Hadd mill-partijiet ma deher fl-ahhar differiment qabel ma nghatat is-sentenza sabiex jitlob xi trattazzjoni ulterjuri tal-kaz. Fi kwalunkwè kaz, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ma kienitx marbuta li taghti lill-partijiet l-opportunità li ssir trattazzjoni mill-gdid tal-kawza, ladarba l-pozizzjoni rispettiva taghhom tirrizulta mill-atti u ghalhekk taht dan l-aspett din il-Qorti ma tirriskontra

ebda nuqqas ta' smigh xieraq bi ksur tal-principju ta' *audi alteram partem.*

Sa fejn l-ilment tas-socjetà appellanti jissejjes fuq il-premessa li hija ma nghatatx l-opportunità li tressaq il-provi taghha, f'dan l-istadju ghandu jigi espost it-tielet aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti dak fejn tilmenta dwar id-digrieti moghtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Ottubru, 2004 u dak tad-29 ta' April, 2005. L-appellanti tirreferi ghall-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju, 2004, fejn hija ddikjarat li ma kellhiex aktar provi u l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali. Tishaq li hija ma kienet ressqet ebda prova fil-mertu u kien ghad ghandha provi xi tressaq. Tispjega li tali dikjarazzjoni saret bi zball genwin meta l-avukat Leslie Cuschieri kien qieghed jirrimpjazza lill-avukat li kien qieghed effettivament jassisti lis-socjetà konvenuta, (peress li dan ma setax jattendi) li staqsa lil Anthony Borg, rapprezentant tas-socjetà konvenuta, kellux provi xi jressaq u dan wiegeb fin-negattiv, peress li huwa kien taht l-impressjoni li kienu tressqu l-provi meta kienet qeghda tigi trattata l-eccezzjoni preliminari.

Jinghad ukoll li dak ir-rikors kellu jigi trattat fl-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2005, li madanakollu jigi spjegat mis-socjetà appellanti li kien hemm akkadut iehor f'dik l-okkazjoni, fejn peress li r-rapprezentant tas-socjetà konvenuta appellanti kellu jsiefer f'dak il-perjodu, ghalhekk sar rikors

iehor fejn intalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ikunu jistghu jitressqu l-provi li hija qatt ma ressqet. Izda dan ir-rikors ukoll gie michud bid-digriet tad-29 ta' April, 2005 u nghatat biss l-opportunità li tressaq nota ta' osservazzjonijiet. Tilmenta li ma nghatatx seduta sabiex tressaq il-provi taghha, meta s-socjetà attrici kellha aktar minn seduta biex tressaq il-provi taghha u li din ma kienet ser issofri ebda pregudizzju li kieku s-socjetà appellanti nghatat l-opportunità li tressaq il-provi taghha. Tikkritika lill-ewwel Qorti talli mxiet b'tant rigidità maghha meta m'adoperatx l-istess kejl fl-ghoti tas-sentenza, li ha numru twil ta' snin. Kwindi titlob ir-revoka tal-imsemmija digrieti u li l-atti jigu rimandati quddiem l-ewwel Qorti sabiex hija tressaq il-provi taghha.

Jibda billi jigi pprecizat li s-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari nghatat fis-6 ta' Novembru, 2003. Wara li nghatat dik is-sentenza, kien hemm differiment ghall-provi attrici ghad-19 ta' Frar, 2004, u differiment iehor, ghas-27 ta' Mejju, 2004. Tajjeb li jinghad li f'din is-seduta tas-27 ta' Mejju, 2004, tressqu l-provi da parti taz-zewg kontendenti fil-kawza. Jigi osservat li meta xehed Anthony Borg ghan-nom tas-socjetà konvenuta appellanti waqt dik is-seduta, ix-xhieda tieghu certament ma kienitx dwar l-eccezzjoni preliminari, izda kienet titratta l-mertu tal-kawza, inkluz l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta appellanti fil-mertu. Sussegwentement id-difensur li kien qieghed jidher ghas-socjetà konvenuta, filwaqt li nforma l-Qorti li kien ser isir rikors sabiex din il-

kawza timxi mal-kawza l-ohra 427/2001, id-difensur iddikjara: "*li ghall-finijiet ta' din il-kawza il-kumpanija konvenuta ma fadlilhiex provi aktar xi tressaq*". Kien ghalhekk li l-kawza baqghet differita ghall-11 ta' Novembru, 2004, ghat-trattazzjoni finali.

Fir-rigward ta' dan l-aggravju, huwa opportun jigi mfakkar li verbal maghmul minn parti u registrat mir-registratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-parti li tkun ghamlitu - dan bis-sahha tal-kwazi-kuntratt gudizzjali li ma jistax jigi newtralizzat jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet (Ara sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Marzu, 1987 din il-kawza fl-ismijiet **Direttur ta' l-Agrikoltura v. Remigio Galea**). Dan ifisser li "*il quasi contratto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema ed i limiti della controversia*". – u dan fuq il-bazi tal-massima *in judiciis quasi contrahitur.* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-16 ta' Marzu 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia v. Grezzju Farrugia et**).

Fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Marzu, 1953, fil-kawza fl-ismijiet **Farmacista Giuseppe Debono v. Giovanna Debono** nghad li l-ligi trid li kull dikjarazzjoni maghmula mqar bil-fomm minn avukat tista' titregga' lura b'nota f'kull waqt tal-kawza mqar fi stadju ta' appell, qabel tinghata s-sentenza, imbasta ma jintweriex li dik id-dikjarazzjoni saret b'inkarigu specjali tal-parti li ghaliha dak l-avukat kien qieghed jidher. Inghad ukoll

li dan il-principju japplika biss fejn id-dikjarazzjoni tkun tirrigwarda punt ta' fatt imsemmi f'dik id-dikjarazzjoni u mhux meta jkun hemm involut punt ta' dritt, f'liema kaz tali dikjarazzjoni ma tistax titregga lura. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 1950, fil-kawza fl-ismijiet **Zammit pro et noe v. Zammit pro et noe**).

Issa applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, minn ezami tal-verbal tas-27 ta' Mejju, 2004, jirrizulta illi d-dikjarazzjoni maghmula mill-avukat li kien qieghed jidher ghas-socjetà konvenuta appellanti kienet tghid car li huma ma kienx fadlilhom provi ohrajn x'iressqu ghajr li ssir il-procedura sabiex din il-kawza tinstema' u tigi deciza mal-kawza l-ohra. Mhux kontestat li r-rapprezentant tas-socjetà konvenuta appellanti kien prezenti fl-awla waqt l-imsemmi smigh u ghalhekk kien jaf x'qieghed jiddikjara l-avukat li kien qieghed jippatrocinahom f'dik is-seduta. Il-Qorti m'ghandha qatt taccetta b'mod legger li dikjarazzjoni li tkun saret quddiemha aktar qabel titregga' lura facilment fuq il-premessa li din tkun saret bi zball, u dan b'harsien ukoll tal-jeddijiet tal-parti l-ohra fl-istess kawza. Huwa meqjus li l-atti tal-Qorti f'kawza jirriflettu dak li jkun sar tassew u li jkunu saru sewwa, u ghalhekk dak li jinghad fihom ma jistax jitwaqqa' b'sottomissjonijiet ohrajn jekk ma tirrizultax ambigwità. Fil-kaz prezenti, id-dikjarazzjoni kienet wahda dwar punt ta' dritt fis-sens li kienet prettament dikjarazzjoni procedurali li kellha ssir wara li r-rapprezentant tas-socjetà konvenuta appellanti u l-avukat taghha suppost li ghamlu l-konsultazzjonijiet mehtiega, u dan partikolarment

meta l-istess rapprezentant tressaq sabiex jixhed fl-istess seduta. Kwindi din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ghamlet sew meta, anke in vista tal-oppozizzjoni murija mis-socjetà attrici, cahdet it-talba tas-socjetà konvenuta sabiex tithalla tressaq provi fil-mertu, peress li ladarba l-partijiet esprimew ir-rieda taghhom fil-verbal in kwistjoni, li ghalhekk intrabtu bih, dak il-verbal ghandu jibqa' jorbot u l-Qorti ma tistax facilment twarrab dik ir-rabta bejn il-kontendenti fil-kawza. Kwindi l-ilment tas-socjetà konvenuta appellanti fil-konfront tad-digriet tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Ottubru, 2004, ma jregix.

Lanqas ma tregi l-oggezzjoni tas-socjetà konvenuta appellanti ghad-digriet tal-ewwel Qorti tad-29 ta' April, 2005. Jibda billi jinghad li d-differiment ghas-seduta tas-17 ta' Marzu, 2005 kien bl-intiza cara ghat-trattazzjoni tal-gheluq, kif wara kollox kienet differita f'zewg okkazzjonijiet ohra precedenti, kwindi ma kienitx intiza sabiex jigi trattat ir-rikors tas-socjetà konvenuta appellanti kif hija erronjament qeghda tikkontendi, liema rikors wara kollox, kien determinat bid-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Ottubru, 2004, fejn giet michuda t-talba taghha li tinghata l-opportunità li tressaq il-provi. Fi kwalunkwe kaz, minkejja li s-socjetà konvenuta appellanti ma ttrattatx il-kaz waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu, 2005, hija nghatat cans mhux ghal darb izda ghal darbtejn, li tressaq in-nota ta' sottomissjonijiet taghha tal-gheluq bil-miktub. Kwindi din i-Qorti

lanqas ma tirriskontra r-rigidità li s-socjetà konvenuta appellanti takkuza l-ewwel Qorti biha.

Isegwi li din il-Qorti ma ssibx li t-tielet aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti jimmerita li jintlaqa', kwindi m'hemmx lok li d-digrieti moghtija mill-ewwel Qorti jigu mhassra jew revokati.

Konsidrat dan kollu, u wara li din il-Qorti tmur lura ghall-punt imqajjem taht l-ewwel aggravju, ma tirriskontrax xi ksur tal-principju *audi alteram partem* fil-mod kif imxew il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Kif kellha okkazjoni tirrileva din il-Qorti (Sede Kummerc) fis-sentenza taghha tat-13 ta' Jannar, 1975, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Falzon v. Anthony Debono noe**:

> "*Dak il-principju ma importax illi f'gudizzju huwa imprexxindibilment necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata lilu d-debita opportunita` li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament u cjoe kieku ma setghetx taht l-ebda cirkostanza tinghata sentenza hlief wara s-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista' jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni ta' kawza billi jibqa' passiv jew jipprokrastina indefinittivament*".
>
> "*Ghall-finijiet procedurali li hemm diversita` kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita' bhal meta jigi ingustament rifjutat is-smiegh ta' provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz, fejn minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx 'il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom. F'dan l-ahhar kaz "imputet sibi".*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, hawn ukoll ma ssib xejn x'ticcensura fl-agir tal-ewwel Qorti u lanqas l-ewwel aggravju m'huwa ser jintlaqa'.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti, dak fejn hija tattakka s-sentenza preliminari tas-6 ta' Novembru, 2003, fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni taghha, fis-sens li hija ma kellha ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici appellata. Dan jinghad li sar peress li l-ewwel Qorti njorat punti kardinali u aktar tat piz lil kongetturi. Isir enfasi mis-socjetà appellanti fuq ix-xhieda ta' Anthony Borg fis-sens li huwa kien jaf lis-socjetà Valletta Freight Services Limited li kienet imbaghad tikkuntratta ma' persuni jew kumpaniji ohra u mhux dejjem ma' dik attrici. Jishaq li (i) meta kien jikkuntratta ma' Valletta Freight Services Limited qatt ma gie identifikat lilu li huwa kien qieghed jikkuntratta ma' xi persuna ohra; (ii) l-hlas kien isir permezz ta' cekk miftuh lil Valletta Freight Services Limited; u (iii) it-talbiet ghall-hlas, kif ukoll l-interpellazzjoni legali ghall-hlas kien isir minn Valletta Freight Services Limited u mhux minn Valracht Roro Line Limited. Dan kollu kellu jwassal lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi li r-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn K.D. Commercials Limited u Valletta Freight Services Limited u n-negozju li kienet taghmel din l-ahhar socjetà ma' terzi persuni tikkostitwixxi *res inter alios acta*.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, lanqas dan l-aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti ma jista' jirnexxi.  Dan jinghad peress li mill-kliem adoperat minnha jirrizulta ampjament car li meta hija kienet tikkuntratta ma' Valletta Freight Services Limited, hija kienet ben konsapevoli li din kienet qeghda tikkuntratta maghha mhux f'isimha proprju izda bhala agent ta' socjetà ohra, f'dan il-kaz ma' Valfracht Roro Line Limited.  Tant kienet konxja ta' dan li hija stess tistqarr li kienet taf li Valletta Freight Services Limited kienet tinnegozja kemm mas-socjetà attrici appellata, kif ukoll ma' socjetajiet ohrajn ghall-garr ta' merkanzija.  Dan fih innifsu jikkonferma l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li r-rapprezentant tas-socjetà konvenuta kien ben konsapevoli kemm li Valletta Freight Services Limited kienet biss agenzija, kif ukoll bl-ezistenza tas-socjetà attrici appellata, u bir-rwol taghha fil-garr tal-merkanzija.  Il-fatt li l-istess rapprezentant jikkonferma li kien ilu s-snin jaghmel in-negozju tieghu b'dan il-mod iwassal lil din il-Qorti wkoll ghall-konkluzjoni li ssibha inverosimili li fil-kaz in kwistjoni ma kienitx taf li s-socjetà attrici kienet il-*carrier* u li n-noll tal-gar kien, allura, dovut lilha.

Mix-xhieda in atti jirrizulta li r-rapprezentanti ta' Valletta Freight Services Limited jishqu li huma kienu jiehdu l-inkarigu ghan-nom tas-socjetà attrici appellata.  Huwa ritenut minn din il-Qorti li ghall-obbligi kuntrattwali li dahlet fihom is-socjetà Valletta Freight Services Limited dan sar ghan-nom tal-principal taghha, u ghalhekk iwiegeb, bhala regola

generali, l-istess principal. *A contrario sensu* l-krediti dovuti ghan-noll huma fl-ahhar mill-ahhar dovuti lill-principal. L-agent bhala parti mill-mandat tieghu seta' jitlob il-hlas tan-noll dovut, izda dan in-noll fl-ahhar mill-ahhar jispetta lis-socjetà attrici appellata, bhala l-principal. L-istitut ta' agenzija huwa kuntratt li permezz tieghu wiehed mill-partijiet, il-principal, jawtorizza lill-parti l-ohra, l-agent, biex jagixxi f'ismu u ghan-nom u in rapprezentanza tieghu f'relazzjoni legali bejnu, cioe` il-principal, u terza persuna (f'dan il-kaz is-socjetà konvenuta appellanti).

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Schembri noe v. Frendo noe** deciza fl-14 ta' Jannar 2002:

> "*Il-konsenjatarji jew agenti ta' bastiment huma dawk li jigu maghzulin kull darba li bastiment imur fil-port fejn joqghod il-konsenjatarju, fejn ma jkunx hemm rakkomandatarju stabbilit u l-fakultajiet taghhom huma limitati ghall-operazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu u li jkunu l-konsegwenza tal-fatt tal-karikament u tal-iskarikament ta' bastiment, wiehed determinat f'port wiehed. Il-figura guridika taghhom hija kwindi dik ta' mandatarju okkazjonali b'mandat specjali u limitat. ……. Ir-rapprezentanti jew agenti tas-socjetajiet ta' navigazzjoni huma istituri veri u proprji ghaliex jittrattaw u jikkonkludu abitwalment l-affarijiet kollha tas-socjeta' li jirrapprezentaw u l-post fejn joqghodu u f'dak il-post huma preposti ghall-kummerc kollu li fl-istes post jigi ezercitat mis-socjeta' mandanti*".

Kwindi din il-Qorti ma ssib xejn stramb li s-socjetà konvenuta appellanti kienet teffettwa l-hlas permezz ta' cekk lil Valletta Freight Services Limited jew li t-talbiet ghall-hlas, kif ukoll l-interpellazzjoni legali ghall-hlas, kienu jsiru minn Valletta Freight Services Limited. Izda l-interess tas-socjetà Valfracht Roro Line Limited, kif rizultanti mill-istess polza ta' karigu esebita in atti, tibqa' indiskussa. (Wara kollox kif inghad fis-

sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummercjali fil-15 ta' Marzu, 1875, fil-kawza fl-ismijiet **Neg. Joseph Arrigo v. Neg. William J. Smith noe**, dan id-dokument "*jaghmel prova bejn il-partijiet kollha interessati fit-taghbija*": Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc)". Ghalhekk is-socjetà attrici appellata gustament qeghda permezz ta' dawn il-proceduri tfittex ghall-hlas tan-noll ghall-garr tal-merkanzija li hija wettqet a favur tas-socjetà konvenuta appellanti lejn Malta. Dan in konformità mal-Artikolu 279 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi:

> "***279***. *Il-ħlas tan-nol jista' jintalab minnufih wara l-kunsinna tat-tagħbija*".

Isegwi li lanqas dan l-aggravju ma jirrizulta meritevoli ta' akkoljiment.

Imiss jigi ezaminat ir-raba' aggravju, dak li jitratta l-eccezzjoni fil-mertu, fejn is-socjetà konvenuta appellanti tikkontendi li kellha raguni valida sabiex toggezzjona ghall-hlas pretiz mis-socjetà attrici appellata, senjatament peress li l-merkanzija li kienet xtrat waslet danneggjata.

L-ewwel Qorti ttrattat estensivament din l-eccezzjoni u din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni milhuqa minnha fir-rigward. Il-principju legali applikabbli fil-materja ta' garr ta' merkanzija jibqa' dak li ladarba l-merkanzija tasal fid-destinazzjoni il-vettural jibqa' intitolat ghall-hlas tan-noll. Il-fatt li l-merkanzija tkun garrbet hsara, anke jekk ikkagunata min-nuqqas tal-vettural, ladarba ma tinbidilx in-natura taghha, (f'liema kaz il-

merkanzija titqies li ntilfet), it-talba ghad-danni ghandha ssir permezz ta' azzjoni separata jew kontrotalba u ma tistax tigi sollevata permezz ta' eccezzjoni anke ghat-tpacija. Apparti l-awturi u s-sentenzi li ghalihom ghamlet referenza l-ewwel Qorti, l-awtur **John F. Wilson** fil-ktieb tieghu **Carriage of Goods by Sea** (Seventh Edition, 2010, p. 290) jghid:

> "*Where cargo arrives at its destination in a damaged state, or is short delivered, the agreed freight is nevertheless payable in full and the receiver is allowed no right of set-off even though the deterioration is so great that the cargo delivered is no longer worth the freight*[30]*. Lord Wilberforce in a modern case had no doubt that 'a claim in respect of cargo cannot be asserted by way of deduction from freight is a long-established rule in English law.'*[31]*The consignee may, however, bring a cross-claim for compensation providing that the cause of action is not covered by an exception or is not time-barred*[32]*, but he has no right to set-off entitling him to a deduction from freight unless such right is expressly incorporated into the contract of carriage*[33]*".*

Issir referenza wkoll ghal dak li nghad fil-kaz **Henriksens Rederi A/S v. THZ Rolimpex (The Brede)** [1973] 2 Lloyd's Rep.333; [1973] 3 All ER 589 fejn **Lord Denning** jiggustifika din ir-regola billi qal:

> "The good conduct of business demands that freight should be paid according to the terms of the contract. Payment should not be held up because the goods are alleged to have been damaged in transit. If that were allowed, it would enable unscrupulous persons to make all sorts of unfounded allegations so as to avoid payment. In any case even with the most scrupulous, it would lead to undesirable delay".

---

[30] Dakin v Oxley (1864) 143 ER 938. But damages for a subsequent repudiation of the contract of carriage can be set off against a claim for freight payable in advance. The Dominique [1988] 1 Lloyd's Rep 215.
[31] Aries Tanker Corp v Total Transport [1977] 1 Lloyd's Rep 334 at p. 337. See also The Brede [1973] 2 Lloyd's Rep 333. The rule applies equally to land transport: United Carriers Ltd. v Heritage Food Group [1995] 2 Lloyd's Rep. 269.
[32] Aries Tanker Corp v Total Transport *supra*
[33] The Olympic Brilliance [1982] 2 Lloyd's Rep 206. Compare the position with regard to deductions from hire: *supra* at pp100 ff.

Hekk ukoll **Lord Wilberforce** fil-kaz qabel msemmi fl-ismijiet **Aries Tanker Corporation v. Total Transport Ltd (The Aries)**, [1977] 1 All ER 398, [1977] 1 WLR 185, [1977] 1 Lloyd's Rep 334, jghid:

> "*That a claim in respect of cargo cannot be asserted by way of deduction from the freight, is a long established rule in English law. It dates at least from Sheels v Davies (1814) 4* Camp *119: it received authoritative* approval *in 1864 from an eminent court in* Dakin v Oxley (1864) 15 CBNS 646 *and again from the same court in Meyer v Dresser (1864) 16 CBNS 646 where the rule was called 'settled law'. As a rule it has never been judicially doubted or questioned or criticised; it has received the approval of authoritative textbooks. …*
> *…In commercial matters it is all the more important that established rules, unless clearly wrong, should not be disturbed by the courts: see Atlantic Shipping and Trading Co v. Louis Dreyfuss & Co ([1922] All ER Rep 559 at 562), per Lord Dunedin.…*
> *… the two rules have been running in parallel for over a* century *without difficulty, and indeed in Mondel v Steel 8 M & W 858 at 871, [1835-42] All ER Rep 511 at 516 itself Parke B specifically referred to the existence of a separate rule as regards freight. In this House, that the rule of deduction, or* abatement, *is one confined to contracts for the sale of goods or for work and labour and does not extend to contracts generally, was recognised in Gilbert-Ash (Northern) Ltd v Modern Engineering (Bristol) Ltd [1973]* 3 All *ER 195 at 215, [1974] AC 689 at 717, per Lord Diplock. There is no case of its having been extended to contracts of* any kind *of carriage. The rule against deduction in cases of carriage by sea is, in* fact, *as well settled as any common law rule can be*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li d-difiza fil-mertu tas-socjetà konvenuta appellanti ma tistax tirnexxi. Jigi nnotat ukoll li, fil-mori ta' dan l-appell, il-kawza l-ohra fejn is-socjetà konvenuta appellanti kienet qeghda tfittex ghad-danni fil-merkanzija llum tinsab deciza.

Sa fejn fl-istess aggravju jinghad li l-ewwel Qorti ma ttrattatx ir-raba' eccezzjoni, dik fejn jinghad li l-*freight invoice* ma gietx iffirmata, din il-

Qorti tqis dan il-kumment superfluwu, peress li huwa ritenut li m'hemm ebda htiega *ad validatem* li fattura tkun iffirmata. F'dan il-kaz mhux kontestat li twettaq is-servizz ta' garr ta' merkanzija; il-kontestazzjoni hija dwar il-hsara li grat lill-merkanzija u l-pretensjoni li ssir tpaccija tal-hsarat kontra l-hlas tan-noll pretiz, punt li gie estensivament trattat.

Kwindi lanqas dan l-aggravju m'huwa ser jintlaqa'.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju, dak fejn is-socjetà konvenuta appellanti tishaq li m'ghandhiex tkun tenuta thallas l-imghaxijiet kollha ghat-tul ta' zmien li damet ghaddejja l-kawza. Dan jinghad peress li t-tul ta' zmien irragonevoli li fih damet sabiex inghatat is-sentenza, ma kienx imputabbli lilha.

Jibda billi jinghad illi l-ligi taghna fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) hija cara hafna meta titkellem fuq l-effetti tal-obbligazzjonijiet li fejn si tratta ta' ammont dovut fuq somma likwida u certa, l-unici danni li jistghu jezistu fin-nuqqas ta' pagament jistghu biss jikkonsistu fl-imghax dovut u mhux f'ebda somma ohra. L-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> "*Jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata d-danni li jigu mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena*".

Issa huwa principju accettat li meta l-ammont ikun indikat fl-att tac-citazzjoni allura huwa permissibli li l-Qorti tordna li fuq dak l-ammont indikat, jew fuq dak inferjuri ghal dak indikat, jiddekorri l-imghax mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni. Fil-kaz in ezami, l-ewwel Qorti akkordat l-imghax mill-14 ta' April, 2000, data tal-wasla tal-merkanzija f'Malta u tal-fattura mahruga ghall-hlas tan-noll. Ladarba *si tratta* hlas ta' boll naxxenti minn obbligazjoni ta' natura kummercjali ezistenti bejn il-kontendenti fil-kawza li huma socjetajiet kummercjali, l-imghax ghandu jiddekorri skont kif jipprovdi l-Artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili u f'dan il-kuntest issir riferenza wkoll ghal dak li nghad fis-sentenza ta' din il-Qorti deciza fit-28 ta' Frar 1994, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Gatt MBE v. Francis Vella** (Vol. XXXII. i. 505) fejn inghad illi:

> "*l-interessi huma dovuti mill-gurnata li fiha l-obbligazzjoni kellha tigi adempita jekk din hija ta' natura kummercjali…*".

Fil-kaz in ezami, l-obbligazzjoni da parti tas-socjetà attrci appellata giet adempita fil-mument li waslet il-merkanzija hawn Malta.

In kwantu ghall-ilment tas-socjetà konvenuta appellanti rigward li m'ghandhiex tbaghti mghaxijiet konsegwenti ghad-dewmien fl-ghoti tas-sentenza, ghandu jinghad li ghalkemm fil-kaz in ezami d-dewmien fil-proceduri sehh peress li l-kawza giet differita ghas-sentenza diversi drabi u mhux minhabba xi raguni imputabbli lis-socjetà konvenuta appellanti, il-fatt jibqa' li hija kkontestat il-hlas ghaliex ippretendiet li

ssehh tpaccija, haga li kif inghad qabel, fil-kaz in ezami, ma setghet qatt issir. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru kif deciz minnha, ghaliex altrimenti s-socjetà attrici appellata se tkun privata minn imghaxijiet fuq somma li ndubbjament ilha dovuta lilha sa mis-sena 2000. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuel Fenech v. Omar Zammit**).

Isegwi li lanqas dan l-ahhar aggravju ma jimmerita li jintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha tiddisponi mill-appell interpost mis-socjetà konvenuta appellanti K.D. Commercials Limited billi tichad l-istess, u ghalhekk tikkonferma fis-shih id-digrieti impunjati li nghataw mill-ewwel Qorti u s-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tas-6 ta' Novembru, 2003, u tat-30 ta' April, 2013, fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà konvenuta appellanti K.D. Commercials Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm